**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Ir-4 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tlieta 25 ta' Ġunju 2013 fl-4:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Bini Amministrattiv Ġdid tal-Kunsill Lokali**
4. **Tisbiħ ta' Triq Antonio Chircop**
5. ***Post-Mortem* dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2013**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tar-4 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju 2013 fl-4:30 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-7:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tat-3 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 9/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Memo 9/2013 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet tal-*Lifelong Learning* 2013-14.**

2.2 Inqrat Memo 10/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kuntratti tal-Kunsilli Lokali.**

2.3 Inqrat Memo 11/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ħlas ta' taxxa u tal-bolla tas-Sigurta' Soċjali.**

2.4 Inqrat Memo 12/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Artikli li jidhru fuq il-gazzetti lokali.**

2.5 Inqrat Memo 13/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Memo 13/2013 – Projbizzjoni tat-Tipjip fi Playgrounds u Ġonna Pubbliċi – Tabelli li jwissu li ma jistax isir tipjip fiż-żoni fejn hemm xi logħob għall-użu ta' Tfal.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Kors dwar l-*accounts* u l-finanzi tal-Kumitati Reġjonali/Kunsilli Lokali minn ANSEK.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Sejħa għall-Pool tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi – 14.6.2013.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Invit għas-Seminar 'Discovering Malta and Gozo Through its People and Culture.'**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa – Ħruġ ta' Karti tal-Identita' li ntilfu jew insterqu ta' Ċittadini Maltin.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – *The Bormla Heritage Symposium 2013* – 26 ta' Mejju 2013.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Applikazzjonijiet għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għal kotba ppubblikati fl-2012.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Ramona Portelli għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Decommitment on EU funded project.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Sick Leave Utilisation Survey – Public Sector Entities – 2012.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 1842 – Ġonna u Spazji Pubbliċi.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Isabella Camilleri Aquilina mill-i*Schemes Unit*, bit-titlu **Memo 40/2012: Librerji Lokali.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ministru għat-Turiżmu, l-Perit Karmenu Vella, bit-titlu **Sitwazzjoni f'Wied iż-Żurrieq, Il-Qrendi.**

2.16.1 Is-Sindku qal li fi tmiem il-ġimgħa bejn l-14 u s-16 ta' Ġunju, iż-żona ta' Wied iż-Żurrieq kienet mimlija ħmieġ.

2.16.2 Qal li f'Wied iż-Żurrieq hemm il-*beach cleaners* kif ukoll il-*Cleansing Services Department* li jieħdu ħsieb din iż-żona.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.16.3 Żied li l-Kunsill Lokali għad għandu problema mal-*Cleansing Services Department* dwar il-kenniesa li jikinsu kuljum, u dan minħabba li l-Kunsill Lokali dejjem saħaq li Wied iż-Żurrieq għandu jitqies bħala żona turistika u għandu jsir min-naħa tal-Gvern.

2.16.4 Kompla li meta ntbagħtet l-*e-mail* lill-Ministri Karmenu Vella u Joe Mizzi, sa tlett sigħat wara, Wied iż-Żurrieq kien imnaddaf kollu.

2.16.5 Qal li jidher li hemm impjegat tal-*Cleansing Services Department* li mhux qiegħed jagħmel xogħlu daqshekk sewwa.

2.16.6 Is-Sindku spjega kif jidher li ttieħdet azzjoni dwar dan il-ħaddiem partikolari u s-sitwazzjoni tjiebet ħafna. Żied li għada filgħodu mistennija jeħlu aktar *dust bins* f'Wied iż-Żurrieq sabiex tinżamm aktar l-indafa.

2.16.7 Semma' kif qiegħed ikun hemm diversi lmenti mingħand tad-dgħajjes, ilmenti li mhumiex ġustifikati.

2.16.8 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-problema tal-immaniġġjar tat-traffiku. Qal li jidher li ħadd mhu jagħti kas tas-sinjali eżistenti u għaldaqstant qed jinħass il-bżonn li jibda jkun hemm sorveljanza mill-Gwradjani Lokali.

2.16.9 Żied li kien hemm ukoll problema ta' ħafna ħaxix ħażin, problema li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jieħu ħsiebha f'dawn il-jiem.

2.16.10 Tkellem ukoll dwar sellum tal-għaddasa li kien imwaħħal minn xi ħadd imma li dan ma twaħħalx fil-post adattat, minħabba li hemm ħafna wisa' bejn is-sellum u l-art u dan għax huwa intenzjonat għall-għaddasa.

2.16.11 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali qegħdin nipproponu li dan is-sellum tal-għaddasa jkun installat f'dan il-post minn Ottubru sa April, filwaqt li minn Mejju sa Settembru dan jinbidel għal sellum tal-għawwiema.

2.16.12 Il-Kunsillier Olympia Sant ikkumentat dwar il-problema ta' parkeġġ li hemm f'Wied iż-Żurrieq.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.16.13 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali qegħdin nitkellmu ma' diversi awtoritajiet sabiex xi darba nsibu soluzzjoni għal din il-problema.

2.16.14 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa staqsa jekk huwiex possibli li jibda jsir separazzjoni tal-iskart f'Wied iż-Żurrieq.

2.16.15 Is-Sindku wieġeb li kollox huwa possibli, biss jidher li din l-idea diġa' kienet pruvata u ma ħadmitx ħafna.

2.16.16 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li f'Wied iż-Żurrieq hemm arblu li kien installat mill-ewwel leġiżlatura tal-Kunsill Lokali u li dan illum għandu bżonn dawra tajba u li tkun ideali jekk fuqu tibda tittella' l-bandiera tal-Qrendi.

2.16.17 Il-Kunsillier Farrugia semma' wkoll l-festun li kien jintrama' lura fis-snin, matul ix-xhur tas-Sajf f'Wied iż-Żurrieq.

2.16.18 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali fil-preżent mhu jibbenefika xejn minn Wied iż-Żurrieq u se jibqa' ma jibbenefika xejn jekk kemm-il darba jsir dan il-festun, anzi se nkunu qed nidħlu f'aktar spejjeż.

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 39/2013 - Tħawwil ta' Siġar.**

2.17.1 Is-Sindku David Schembri qal li tkun ideali jekk nipproponu ż-żona ta' Triq Ħaġar Qim, qrib Għajn ix-Xemx kif ukoll iż-żona ta' fuq Wied iż-Żurrieq, fejn hemm il-*bus shelter*.

2.17.2 Il-Kunsill qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***Vote 16 Campaign Launch.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Amanda Abela, Segretarja tal-ANSEK, bit-titlu **Issieħeb fl-ANSEK – Sħubija miftuħa għall-Kunsilli Lokali.**

2.19.1 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jissieħeb mal-ANSEK, filwaqt li l-Viċi-Sindku Charles Zerafa ssekonda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, bit-titlu **Sħubija fl-ANSEK**.

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Oliver Farrugia, *Manager – Product Development* tal-MTA, bit-titlu ***Maqluba for activities.***

2.21.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali se jibda jaħdem fuq *bye-law* fuq din il-materja sabiex il-Kunsill ikollu kontroll fuq attivitajiet simili.

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi *EU Fund Officer,* bit-titlu ***15th Bilateral Meeting.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Segretarju Eżekuttiv tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***LEADER Implimentation – Measure 125 – Circular No. 03-2013.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Albert Delia mill-MEUSAC, bit-titlu ***Meeting with MEUSAC re services offered to Local Councils.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Madame Pauline Bonello, bit-titlu ***Re Dangerous Structure in 33,* Triq it-Torri Qrendi.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Marthese Baldacchino mill-MEPA, bit-titlu ***UIF Statement of Funds***.

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Cassar, CEO tal-NSTS, bit-titlu **Opportunita' ta' Erba' Ġimgħat Taħriġ b'XEJN għal Żgħażagħ bla xogħol ġewwa l-Ingilterra.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Marilena Di Michele, bit-titlu ***Visit to Ficulle.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Johann Azzopardi bit-titlu **Bankina.**

2.29.1 Is-Sindku qal li l-aħjar ħaġa tkun jekk din il-bankina nieħdu ħsiebha wara li jgħaddu l-festi tal-lokal.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.29.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur George Debono bit-titlu **Re: Ilma quddiem id-dar.**

2.30.1 Is-Sindku qal li se jkun qiegħed jitkellem mal-Perit Toni Bezzina sabiex naraw x'jista' jsir u jekk għandu jsir xi ħaġa ssir wara li jgħaddu l-festi tal-lokal.

2.30.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* ma' din il-proposta.

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Francesca Galea mill-Enemalta, bit-titlu **(PSL) Talba għall-Bozza – Qrendi.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Mallia minn Omajco Cleaners bit-titlu ***Re: Application for permission of use.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Celia Abela, *Senior Operations Manager HSBC*, bit-titlu ***Local Councils – eforms.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Stefan Mallia, *Manager E-Commerce Merchant Relationships BOV,* bit-titlu ***Ecommerce Facilities – Eforms.***

2.34.1 Is-Sindku qal li fil-preżent din l-idea ma tantx hija utli għall-Kunsill Lokali tagħna minħabba li ma jkollniex dak l-ammont qawwi ta' permessi.

2.34.2 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* dwar din il-proposta.

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Gatt, bit-titlu ***Lifelong Learning.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Mizzi, bit-titlu ***For the attention of the Mayor.***

2.36.1 Is-Sindku qal li wara laqgħa li saret mas-Sur Joe Mizzi ħareġ li dan huwa studju li sar minn Dr Ciappara li jrid jiġi ppublikat.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.36.2 Żied li dan huwa studju dwar kif kien il-Qrendi fi żmien il-Medju-Evu, u huwa studju li qiegħed isir biex Dr Ciappara jġib il-Professorat.

2.36.3 Kompla li l-ħsieb tal-pubblikaturi hu li jipprintjaw bejn 400 u 500 kopja ta' dan il-ktieb li se jkun fih madwar 350 paġna.

2.36.4 Is-Sindku qal li se nitkellmu ma' Best Print Ltd. sabiex naraw kemm se jiġu jiswew dawn il-kotba, imbagħad il-Kunsill Lokali jkun jista' jieħu deċiżjoni jekk jieħux sehem f'dan il-proġett jew le.

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Sabrina Mulligan, bit-titlu **ICE Malta u l-Kunsilli Lokali.**

2.37.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li għalissa m'għandniex nidħlu għal din il-proposta.

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Melanie Micallef, bit-titlu ***Street Advertising in Qrendi Area.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Maria Mallia, *MEPA Communications Office,* bit-titlu ***BREAK TIME – Qrendi LC.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ruben Gauci, bit-titlu **PA 5942/99 – Triq Kabiri, Qrendi.**

## 3. BINI AMMINISTRATTIV ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li saret laqgħa mal-Perit Henry Attard fejn saru xi tibdiliet ħfief fuq id-disinn tal-bini amministrattiv il-ġdid.

3.2 Semma' kif fuq il-pjanta ma kienx imniżżel il-ġibjun li suppost għandu jsir taħt il-bini u dan issa se jkun imniżżel fil-pjanta li se terġa' ssir mill-Perit.

3.3 Qal lid-dħul għas-sala u l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali se jkunu separati u dan sabiex jagħmel il-bini kollu aktar aċċessibbli għal kulħadd f'kull ħin.

3.4 Spjega kif fuq il-pjanti eżistenti hemm travu li għaddej fis-sala ta' fuq u li dan forsi se jiġi rranġat minħabba l-pożizzjoni tiegħu.

3.5 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali erġajna tlabna BOQ ġdida u din suppost għandha tintbagħat fil-ġimgħat li ġejjin.

3.6 Żied li l-bini amministrattiv il-ġdid tal-Kunsill Lokali se jkun biss nofs il-proġett maħsub u dan minħabba li l-parti l-oħra tal-proġett se tkun it-tisbieħ tal-bandli li hemm fi Ġnien Nicolo' Communet.

3.7 Qal li l-Perit Attard jidher li għandu esperjenza kbira anke fejn jidħlu *playing fields* u għaldaqstant se jkun qed jgħinna wkoll fuq dan il-proġett.

3.8 Kompla li l-pjanta kompluta se tiġi rranġatha ftit sabiex ikunu jistgħu jsiru l-bandli kif ukoll l-*outdoor gym* f'din iż-żona.

## 4. <u>TISBIĦ TA' TRIQ ANTONIO CHIRCOP</u>

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent jinsab iddiżappuntat fuq din iż-żona minħabba li għalkemm ġie rranġat id-dawl u l-istatwa ta' Lourdes ġiet tidher isbaħ, iż-żona per se baqgħet taħt il-limitu speċjalment minħabba l-pjanti li hemm fiha.

4.2 Qal li wasal iż-żmien fejn il-Kunsill Lokali jiddeċiedi jekk għandux jieħu din iż-żona kollha f'idejh jew le.

4.3 Żied li jekk isir il-proġett il-ġdid, dan jinkludi *drip irrigation* li ovvjament ikun hemm bżonn id-dawl biex din issir. Għaldaqstant, għandna niddiskutu mas-Soċjeta' Mużikali Lourdes sabiex il-Kunsill Lokali jieħu d-devoluzzjoni kemm tal-istatwa kif ukoll tad-dawl ta' din iż-żona partikolari.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.4 Qal li għalkemm sar tindif estensiv, il-pjanti li ġew imħawlin ma ħallewx il-frott mixtieq u sfortunatament ma ħarġitx fjura waħda minn dak kollu li tħawwel.

4.5 Is-Sindku spjega kif inhu propost il-proġett ta' tisbiħ għal Triq Antonio Chircop, proġett li jekk kemm-il darba jkun approvat mill-Kunsill Lokali, x-xogħol fuqu jibda f'Settembru li ġej.

4.5.1 Qal li l-Kunsill Lokali għandu stima li hija ta' madwar €15,000 u żied li jekk kemm-il darba hemm xi Kunsillier li t/jaħseb li nistgħu nġibu kwotazzjoni oħra li tkun aħjar, dan għandu jsir mill-aktar fis.

4.5.2 Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill Lokali għandu jaqbel mal-kunċett, biss nippruvaw nirranġaw il-prezzijiet.

4.6 Żied li l-Kunsill Lokali jrid jieħu żewġ deċiżjonijiet f'dan ir-rigward; waħda jekk jibdiex jieħu ħsieb l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes bid-dawl b'kollox u t-tieni jekk isirx tisbiħ ta' din iż-żona.

4.7 Qal li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jieħu kontroll assolut ta' din iż-żona, l-arbli u l-bnadar li jittellgħu tibqa' tieħu ħsiebhom is-Soċjeta' Mużikali Lourdes.

4.8 Il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jipprepara *draft agreement* b'dawn il-proposti lis-Soċjeta' Mużikali Lourdes, sabiex jekk kemm-il darba jkun hemm qbil, dan l-arranġament ikun iffirmat.

4.9 Is-Sindku min-naħa tiegħu ppropna li l-Kunsill Lokali għandu jieħu l-kontroll taż-żona kollha, kemm tal-istatwa, tad-dawl, kif ukoll li naċċettaw il-proġett propost mill-*Environmental Landscapes Consortium Ltd.*

4.9.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* dwar dawn il-proposti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 5. ***POST-MORTEM* DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2013**

5.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li kulħadd jaf li l-Festival Agrarju tal-Patata 2013 kien suċċess.

5.2 Semma' kif fil-*post-mortem* li sar ma' kull min kien involut f'dan il-Festival ħareġ li kien suċċess kbir biss kien hemm xi ftit nuqqasijiet, bħal per eżempju li kien hemm ftehim li spiċċa nkiser dwar l-ikel.

5.3 Żied li għalkemm bħala Kunsill Lokali ħsibna biex inżidu s-sinjali fit-toroq tal-madwar, xorta waħda ma kenux biżżejjed u għaldaqstant iridu jiżdiedu aktar għas-sena li ġejja.

5.4 Tkellem ukoll dwar il-fatt li jidher ċar li mexjin 'il quddiem fuq dan il-Festival u li jkun għaqli li għal dak tas-sena d-dieħla nibdew naħsbu kmieni, anke sa minn Ottubru.

5.5 Qal li għall-Festival tas-sena d-dieħla jrid ikun hemm diskussjoni dwar meta dan se jsir minħabba li se jkun hemm avvenimenti nazzjonali li se jkunu qegħdin iseħħu fl-aħħar Ħadd ta' Mejju.

5.6 Is-Sindku David Schembri qal li kemm il-Viċi-Sindku Charles Zerafa, s-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon kif ukoll l-istaff tal-Kunsill Lokali, Stephania Grixti, Stephanie Caruana, Charlie Seguna u Mario Spiteri ħadmu ħafna għal dan il-Festival. Dan flimkien mal-voluntiera taż-żewġ Soċjetajiet Mużikali, kif ukoll tal-futbol u l-iScouts.

5.7 Semma' wkoll li fl-opinjoni tiegħu t-tindif kien tajjeb ħafna u rringrazzja lill-kollettur tal-iskart Jesmond Żammit kif ukoll lil Antoine Zammit li jieħu ħsieb il-knis.

5.8 Żied li bħala Kunsill Lokali u bħala lokalita' rridu nżidu l-impenn tagħna għax jidher ċar li bħala Qrendi bdejna nieħdu isem fejn għandu x'jaqsam il-Festival tal-Patata.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 6. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li kellmu l-Kappillan Dun Mario Mifsud sabiex il-Kunsill Lokali jgħin sabiex jitħawlu xtieli madwar iċ-Ċentru Pastorali Parrokjali li se jinfetaħ b'mod uffiċjali nhar is-Sibt 13 ta' Lulju 2013.

6.1.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li se jirranġa biex titħawwel siġra taż-żebbuġ għat-tisbiħ ta' dan iċ-Ċentru.

6.2 Il-Kunsillier Olympia Sant ipproponiet li l-Kunsill Lokali għandu jaħseb sabiex jagħmel *tours* madwar il-gżira ta' Filfla.

6.2.1 Is-Sindku qal li għandna niċċekkjaw jekk dawn it-*tours* jistgħux isiru u kemm tiġi tiswa lin-nies li jiddeċiedu li jmorru.

6.2.2 Il-Kunsillier Olympia Sant qalet li se tkun qiegħda tieħu din il-materja f'idejha.

6.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar proposta li jibda jsir Jum Wied iż-Żurrieq. Qal li din tkun ġurnata fejn ikun hemm ftehim ma' tad-dgħajjes sabiex in-nies imorru *Blue Grotto* bi prezz ridott.

6.4 Is-Sindku semma' l-proġett tal-Maqluba, proġett li qiegħed isir mill-Ministeru għat-Turiżmu taħt Miżura 313 tal-Unjoni Ewropea.

6.4.1 Qal li l-proċess tal-bankijiet li jridu jiġu nstallati kellu jerġa' jinbeda minħabba lit-tender kellu jinħareġ mill-ġdid minħabba xi problemi tekniċi żgħar.

6.4.2 Żied li ż-żona tal-Maqluba se tibda tintuża' bħala żona ta' rikreazzjoni fejn hemm il-ħsieb ukoll li jibdew jiġu organizzati l-konferenzi.

6.4.3 Qal li l-Kunsill Lokali qiegħed fi proċess li jaħdem fuq *bye-law* li tkun tinkorpora fiha dawn l-attivitajiet.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.4.4 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li l-*bye-law* tista' tkun maqsuma f'diversi partijiet u għandna naħsbu fuqhom qabel ma' din il-*bye-law* tkun ippublikata.

6.4.5 Il-Kunsillier Olympia Sant tkellmet dwar ir-*railings* tal-belveder li hemm fil-Maqluba, li dawn huma għoljin u mhux faċli biex wieħed jara u jgawdi dak li hemm fil-ħofra nnifisha.

6.4.6 Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx li dawn għandhom ikunu aktar baxxi għax irid ikun hemm sigurta' sħiħa minħabba li jista' jkun hemm każ fejn xi ħadd jaqa' għal isfel.

6.4.7 Il-Kunsillier Sant ipproponiet li dawn ir-*railings* jitbaxxew minħabba r-raġuni li semmiet qabel.

6.4.8 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li dan il-każ se jkun diskuss waqt laqgħa oħra tal-Kunsill sabiex il-Kunsillieri kollha jkollhom iċ-ċans li jaslu wasla sal-Maqluba u jiċċekkjaw huma nfushom kif inhuma dawn ir-*railings* minħabba li mhux kulħadd kien għadu rahom.

6.5 Is-Sindku tkellem dwar il-ġemellaġġ propost bejn il-Kunsill Lokali tal-Qrendi u l-Comune di Ficulle, l-Italja.

6.5.1 Qal li fiż-żjara li se ssir mis-Sindku, Viċi-Sindku u Segretarju Eżekuttiv se nisħqu fuq il-konferma ta' dan il-ġemellaġġ għax jekk kemm-il darba mhux se naslu issa, ikollna nwaqqfu l-preparamenti ma' dan il-lokal u naraw jekk nistgħux niddiskutu ma' xi lokal ieħor.

6.5.2 Tkellem ukoll dwar ġemellaġġ propost mir-raħal ta' Zonguldak fit-Turkija fejn dawn qegħdin juru x-xewqa li nibdew niddiskutu dwar il-possiblita' ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġ irħula.

6.5.3 Il-Viċi-Sindku staqsa jekk din il-proposta tal-ġemellaġġ hux se tinvolvi xi spejjeż lill-Kunsill Lokali bis-Sindku jgħid li mhux se jkun hemm spejjeż involuti.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.5.4 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* dwar din il-proposta.

6.6 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-ħarġa li kienet organizzata f'*The President's Kitchen Garden* u qal li din kienet suċċess.

6.6.1 Qal li l-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2013 il-Kunsill Lokali se jkun qed jorganizza ġurnata Sqallija fejn diġa' bdew jibbukkjaw in-nies.

6.6.2 Semma' wkoll li t-Tlieta 23 ta' Lulju 2013, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jorganizza ġurnata Għawdex fejn diġa' ġie rranġat prezz mal-każin tal-Banda Leone tar-Rabat sabiex in-nies ikunu jistgħu jieklu xi ħaġa x'ħin naslu r-Rabat, Għawdex.

6.6.3 Żied li l-programm finali dwar Għawdex se jkun ippublikat fil-jiem li ġejjin.

6.7 Is-Sindku tkellem dwar sinjal *one way* li jidher li qiegħed żejjed fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq id-Dejqa. Hemmhekk hemm żewġ sinjali ta' *one way* maġenb xulxin.

6.7.1 Ippropona li dan is-sinjal żejjed jinqala' minn hemm u jiġi nstallat fi Triq it-Tempesta, maġenb il-*bus shelter* li jinsab kantuniera ma' Triq il-Kartaġiniżi.

6.7.2 Il-Kunsillier Olympia Sant qalet li ma taqbilx ma' din il-proposta għax min is-soltu jidħol minn hemm għall-aċċess ta' Triq il-Kartaġiniżi u Triq il-Feniċi, kif ukoll għas-*service road* ta' Triq it-Tempesta, se jkollu jdur dawra sħiħa.

6.8 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar mera li għandha ssir fi Triq Santa Katarina faċċata ta' Triq it-Torri.

6.8.1 Is-Sindku qal li din il-mera hija possibli li ssir, biss hemm il-biża' li dawn jinkisru bħalma tkissru oħrajn qabel.

6.8.2 Il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jiċċekkja x'hemm bżonn isir dwar din il-proposta.

6.9 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa l-għaliex inbidel it-titlu tal-magażin maħruġ mill-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.9.1 Is-Sindku wieġeb li dan inbidel mindu nbidlet il-leġiżlatura għax kien hemm ix-xewqa li jinbidel dan l-isem.

6.9.2 Żied li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jħoss li għandu jingħadda vot dwar it-titlu tal-magażin, dan għandu jsir sabiex kulħadd iħossu parti mid-deċiżjoni.

6.9.3 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li kien hemm persuni li kellmuha għax m'għoġobhomx it-titlu tal-fuljett tal-Kunsill Lokali.

6.9.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li hu ma jaqbilx mat-titlu tal-fuljett kif inhu fil-preżent.

6.10 Il-Kunsillier Olympia Sant staqsiet x'sar dwar l-*aerobic classes*.

6.10.1 Is-Sindku wieġeb li tkellimna mal-Kunsill Malti għall-Isport sabiex naraw jekk jistgħux isiru dawn il-klassijiet.

6.10.2 Il-Kunsillier Sant qalet li jidher li jekk dan jiġi organizzat mill-*Health Promotion Department*, dan ikun organizzat b'xejn.

6.10.3 Is-Sindku qal li għandna bżonn id-dettalji sabiex inkunu nistgħu nipproċedu.

## 7. FINANZI

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €53,057.83c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 06/13 u €105.54 skont il-*Petty Cash* Ref Q/05.

7.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

7.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-

Kunsill qabel *nem. con*.

8. **<u>AĠĠORNAMENT</u>**

8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Lulju 2013 fis-2pm.

8.2 Il-Kunsill Lokali qabel nem. con. dwar il-ħin ta' din il-laqgħa.

________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**